MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 467/2002/1

**Katie Bonello, Emmanuel Mangion, Roger Mangion u Rose Formosa**

**vs**

**Alison u Raymond konjugi Mangion**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Ottubru, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi fuq indikati sejhu lill-konvenuti hemm ukoll indikati sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jizgumbraw mill-fond bin-numru 3, “Carparvel”, Zurrieq Road, Safi, Malta, peress li qed jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Illi ghal fini tal-kompetenza biss, jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond fuq imsemmi hu ta’ sitta u ghoxrin Lira Maltin, (LM26.00,0), fis-sena;

3. Bl-isepjjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 22 ta’ Mejju tas-sena 2002;

4. Illi l-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-6 ta’ Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti;

1. Illi fl-ewwel lok qed tigi eccepita n-nullita’ ta’ l-avviz bl-ispejjez kontra l-atturi stante li qed jigi promoss kontra persuna li jekk tezisti mhix mizzewga lill-konvenut kif indikat fl-avviz stante li l-mara ta’ Raymond Mangion ghandha kunjom differenti kif se jigi ppruvat bi provi dokumentarji;

2. Illi fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru stante illi l-atturi li qed jippromuovu l-kawza huma biss frazzjoni zghira tal-ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni;

3. Illi fil-meritu t-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu respinti bl-isepjjez kontrihom stante li mhux minnu li l-konvenut, li huwa ko-proprjetarju ma’ l-atturi u numru kbir ta’ persuni ohra tal-fond in kwistjoni, qieghed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jigu sollevati aktar tard stante li l-konvenut jinsab imsiefer ghall-kura serja fizika ta’ ibnu ghal zmien

twil u ghadu anqas ha konjizzjoni fizika ta’ din il-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha datat is-26 ta’ Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-atturi nnominat lill-espert kaligrafu Joseph Gaffiero biex jeffettwa l-analizi kaligrafa rigwardanti l-mejjet Carmel Mangion;

Ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament qed issir referenza ghad-digriet taghha datat is-26 ta’ Marzu tas-sena 2003 fejn jirrizulta li ghalkemm dik l-udjenza kienet giet appozitament rizervata ghall-provi tal-konvenuti in vista ta’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom stante li dawn kienu ta’ natura preliminati u kienu jirrikjedu l-kapovolgiment tal-provi;

Illi nonostante dan la l-konvenuti u lanqas ir-rapprezentant legali taghhom ma dehru f’din l-udjenza appozitament rizervata ghall-ghan indikat fil-paragrafu precedenti;

Illi kif kostantement ritenut minn dawn il-qrati atteggjament bhal dan li ma jigix gustifikat minn xi impediment legittimu skond il-ligi hu ekwivalenti ghal dikjarazzjoni li l-parti nvoluta m’ghandhiex provi x’ iggib fir-rigward;

Illi allura l-procedura tkompliet fuq l-analizi tal-meritu nvolut u konsegwentement, is-sentenza odjerna hi wkoll limitata b’dan il-vinkolu stante li la

l-ebda prova ma tressqet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet, dawn ma gewx ippruvati u allura qieghdin jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi jirrizulta li Carmel Mangion, illum mejjet, kien ftiehem ma huh li jigbru l-proprjeta’ taghhom flimkien, ibieghom, u r-rikavat jinqasam;

2. Illi fost dawn il-proprjetajiet kien hemm il-fond meritu ta’ din il-procedura;

3. Illi in effetti, biex ikun jista’ jigi rispettat dan il-patt familjari, Emmanuel Mangion, hu l-konvenut, li kien jiggestixxi hanut mill-fond meritu ta’ din il-proprjeta’, ghalaq l-istess hanut biex ikun jista’ jobdi lill-papa’ tieghu;

4. Illi skond l-istess Emmanuel Mangion, il-patt familjari kien gie a konoxxenza tal-konvenut stante li kien infurmat bih mill-istess missieru, il-mejjet Carmel;

5. Illi fil-frattemp il-konvenut, li kien qabel residenti l-Ingilterra kien ghazel li jibda jghix Malta u ried li jghix fil-fond meritu ta’ din il-procedura;

6. Illi fil-fatt ilu jghix fl-imsemmi fond mill-1995;

7. Illi allegatament il-konvenut jabita fl-imsemmi fond taht titolu ta’ kera;

8. Illi dan it-titolu hu vantat mill-konvenut fuq l-iskorta ta’ ktieb tal-kera appozitament redatt u li fotokopja tieghu tidher a fol 61 sa 63 li kienu jiffurmaw l-analizi principali ta’ l-espert kalligrafu nominat;

9. Illi dawn il-fotokopji jindikaw li l-mibki Carmel Mangion kien kera l-fond indizamina lill-konvenut biex b’hekk dan ta’ l-ahhar ikun jista’ jivvanta titolu legali erga omness fuq il-fond de quo u mhux jabitah fuq mera tolleranza bil-konsegwenzi kollha li tali tolleranza ggib maghha;

10. Illi pero’ fuq suspetti legittimament murija mill-atturi li l-firma ta’ Carmel Mangion setghet ma kinitx dik originali, l-qorti laqghet it-talba ta’ l-atturi u hatret espert kalligrafu biex janaliza l-istess firma;

11. Illi skond il-konkluzjoni ta’l-istess espert fuq indikat il-firma ezaminata li fuqha kien qed jistrieh il-konvenut mhix firma originali izda hi wahda kkupjata “ … minn xi hadd li kellu access ghall-kitba u l-firma tal-mejjet. Iz-zewg ricevuti huma foloz”, (ara fol 5 tar-relazzjoni peritali mmarkata Dok JG 1 a fol 87);

12. Illi din il-qorti m’ghandhiex ragunijiet ghaliex ticcensura l-operat ta’ l-imsemmi espert kalligrafu minnha nominat u konsegwentement taghmel taghha l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert tekniku;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess il-konvenut jirrizulta li qed jokkupa l-fond meritu ta’ din il-procedura minghajr titolu legali b’detriment ghad-drittijiet ta’ l-atturi fuq l-istess fond;

Ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tordna lill-konvenuti Alison u Raymond Mangion biex jizgumbraw mill-fond numru 3, ‘Carparvel”, Zurrieq Road, Hal Safi, fi zmien tlett (3) xhur mil-lum;

2. Bl-isepjjez kontra l-konvenuti skond il-ligi."

Bl-appell minn din is-sentenza l-konvenuti jobbjettaw illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Fis-sostanza, l-appellanti jissottomettu illi ghalkemm hu veru li l-ewwel Qorti kellha l-konfort ta' l-opinjoni ta' l-espert kalligrafiku, provi ohra, senjatament ix-xhieda bl-Affidavit ta' Josephine Mangion, kienu jistabilixxu li l-fond inkera lilhom u li l-hlas relattiv tal-kera kien isir fil-presenza tax-xhud imsemmmija;

Ghal dan l-appell l-atturi ssollevaw bl-ewwel eccezzjoni illi l-istess appell kien *fuori termine* u, allura, kellu jitqies kolpit b'nullita. Wisq logikament, jekk din l-eccezzjoni tinsab li hi fondata mhux il-kaz li l-Qorti tghaddi biex tinvesti l-aggravju sottomess jew l-eccezzjonijiet l-ohra ghalih;

Hi disposizzjoni cara, ex-Artikolu 226 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi l-appell b'rikors irid jigi pprezentat fir-registru tal-Qorti ta' l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza. Hi inerenti ghall-istess natura tieghu illi dan it-terminu processwali jiddekorri bil-fatt materjali tat-trapass taz-zmien. Din il-karetteristika dekadenzjali li bih l-istess terminu hu vestit tirrendih improrogabbli u taghmlu mhux soggett ghal sospensjoni jew interruzzjoni, salv fil-kazijiet specjali mill-istess ligi procedurali prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tieghu tkun taqa' f'jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew gurnata ta' festa pubblika, jew certi granet tal-Gimgha Mqaddsa. Ara Artikolu 109, Kapitolu 12 ghal liema jirreferi wkoll id-dispost ta' l-Artikolu 1076 tal-Kodici Civili;

Premess dan, ezami superficjali ta' l-atti manifestament turi li l-kawza mill-ewwel Qorti giet deciza fis-16 ta' Ottubru, 2007. Li jfisser skond it-terminu statutorju fl-

Artikolu 226 (1) predett illi l-appellanti kellhom jintroducu l-appell taghhom mhux aktar tard mill-5 ta' Novembru, 2007. Jum dan li ma kienx wiehed fost dawk annoverati fl-Artikolu 109 succitat. Effettivament, l-appell gie pprezentat l-ghada, 6 ta' Novembru, 2007;

Jikkonsegwi minn dan illi l-appell ma jissodisfax l-esigenza procedurali skond il-vot tal-ligi u, la dana huwa hekk, l-appell ma jistax hlief jitqies irremedjabilment irritwali. Kif drabi ohra espress, "*of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him*", (**A.B. -vs- Commissioner of Inland Revenue**", Kaz Nru. 85, Appell, 5 ta' Marzu, 1971).

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi dikjarat irritu u null in kwantu pprezentat *fuori termine*, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------